

# Minn Żebbuġi għal Żebbuġi: Dun Mikiel Xerri fi ħsieb Dun Karm

## *Analiżi Kritika ta' "Għal Dun Mikiel Xerri" u "Innu lil Dun Mikiel Xerri"*

**Kitba ta' Olivia Borg**
***B.A.(Hons.), M.A.***





Dun Mikiel Xerri (1737-1799)

## Introduzzjoni

Ilkoll kemm aħna żgur li ġieli ltqajna ma' nħawi, iskrizzjonijiet ma' ħitan, xogħlijiet ta' arti jew monumenti ta' kull xeħta li lkoll ifakkru nies kbar li taw sehem fit-trawwim tar-ruħ nazzjonali. Fihom hemm ir-rikkezza tan-nazzjon, hemm l-aqwa eżempji għal kull ħidma li jista' jwettaq in-nazzjon fil-ġejjieni. Dawn il-modi ta' tifkira mhux biss jorbtu l-imgħoddi mal-preżent iżda jsebbħu lill-pajjiż u jwettqu l-identità tiegħu.

Ħaż-Żebbuġ huwa miżgħud b'nies bħal dawn li l-ħidma tagħhom matul is-sekli wasslet biex il-gżira ċkejkna tagħna waslet għandna kif inhi, sħiħa fiċ-ċokon tagħha. Wieħed minn dawn huwa Dun Mikiel Xerri li fl-2012 qegħdin infakkru l-275 sena mit-twelid tiegħu. F'dan l-artiklu se nkun qed inħares lejn l-istima għolja li Dun Karm, Żebbuġi kbir ieħor, kellu lejn Dun Mikiel Xerri billi nagħmel apprezzament letterarju u kritiku tal-poeżiji "Għal Dun Mikiel Xerri" u "Innu lil Dun Mikiel Xerri" li wkoll huma forma ta' mafkar f'ġieħ dan l-eroj għax juru kemm Dun Mikiel ma jistax jintesa, la minn art twelidu u wisq iżjed minn Ħaż-Żebbuġ.



Id-dar fejn għex Dun Mikiel Xerri.

Il-qawl Malti, biex aktar iċanfar lil dawk li jwarrbu l-ġrajja ta' arthom jgħid "Jekk ma tafx ħrafet pajjiżek, ħrafet min taf, ħrafet qaddisek?" Kull nazzjon għandu jagħraf jagħti ġieħ lin-nies kbar tiegħu, aktar u aktar jekk dawn ikunu taw ħajjithom għax dawn huma l-bennejja ta' ġensna.

B'hekk inkunu qegħdin infehmu lilna nfusna u lil ħaddieħor li art twelidna, żgħira kemm hi żgħira, għandha wkoll id-demm u l-għadam tagħha li jagħmilha dik li hi.

## Dun Mikiel Xerri (1737-1799): Ħajtu fil-Qosor

Dun Mikiel Xerri twieled Ħaż-Żebbuġ fid-29 ta' Settembru tal-1737, bin Albertu u Anna mwielda Galea. Dak iż-żmien mhux kulħadd kien imur l-iskola iżda l-ġenituri tiegħu għamlu mill-aħjar biex Mikiel jieħu




**Żewġ pitturi li juru lil Dun Mikiel Xerri u lil Monsinjur Francesco Saverio Caruana u li jinsabu fis-sagristija tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ**



edukazzjoni tajba. Huwa kien tifel intelliġenti u mexa ħafna 'l quddiem. Meta kellu sittax-il sena kiteb *Regole dell'Ortografia*. Studja f'Napli u f'diversi universitajiet fl-Ewropa u ordna qassis minn idejn l-Isqof Rull. Minħabba li Dun Mikiel minn dejjem kien jaħseb f'ħutu l-Maltin, wara li laħaq qassis fetaħ skola privata fid-dar tiegħu f'Ħaż-Żebbuġ għal tfal fil-bżonn u iżjed 'il quddiem laħaq Professur tal-Filosofija fis-Seminarju u fl-Università. Meta sar Professur telaq minn Ħaż-Żebbuġ u mar joqgħod il-Belt Valletta.

Ġie żmien ta' taqlib u nkwiet fuq il-Gżejjer Maltin. Il-Ġeneral Franċiż Napuljun Bonaparti ġie qrib ix-xtut Maltin u l-Kavallieri ta' San Ġwann ċedew l-armi mill-ewwel. Hekk bdiet il-ħakma Franċiża f'Malta fl-1798. Imma l-Franċiżi ma ħakmux bil-għaqal u dejqu ħafna lill-Maltin fosthom għax bdew jisirqu diversi oġġetti sagri mill-knejjes. Niesna rvellaw kontra l-ħakkiema u dawn ingħalqu wara s-swar tal-Belt.

Il-Maltin tal-Belt xtaqu jeħduha kontra l-Franċiżi. Dun Mikiel Xerri, flimkien ma' Maltin oħra, ftiehmu li jattakkaw lill-Franċiżi imma b'xorti ħażina nqabdu għax il-konfoffa nkixfet u kienu arrestati. Dun Mikiel instab ħati u ngħata l-mewt. Il-konfoffa li qamet biex il-Maltin jaħbtu għall-Franċiżi meta Malta kienet taħthom tmexxiet mill-Kurunell Gugliermo Lorenzi.

Bħala Kmandant tal-Kampanja Maltija kien hemm il-Kanonku Francesco Saverio Caruana (1759-1847), Żebbuġi ieħor li kien ukoll negozjant tal-qoton u li eventwalment sar Rettur tal-Università u fl-1831 ingħata l-kariga ta' Isqof ta' Malta. Waqt li kien qed jistudja biex isir qassis fis-Seminarju tal-Isqof ġewwa l-Imdina, Caruana kellu lil Dun Mikiel Xerri bħala wieħed mill-għalliema tiegħu.

Caruana ma kienx kuntent bit-tmexxija tal-Kavallieri għax is-suq tal-insiġ kien sejjer lura. Meta ġew il-Franċiżi u dawn ma żammewx il-wegħdi li għamlu mal-Maltin, il-Maltin bdew jippreparaw biex iqumu kontrihom u l-poplu Żebbugi flimkien ma' dak tas-Siġġiewi, għażluh bħala l-kap tagħhom. Taħt il-kmand tiegħu kellu 202 suldati u jidher li wara l-ġlied li nqala' bosta mietu u oħrajn sfaw midruba.

Il-Maltin tqassmu f'battaljuni biex iħarsu u jiddefendu l-gżira. Lorenzi kellu jaħbat għall-palazz fejn kien jgħix il-Ġeneral Vaubois waqt li Dun Mikiel kellu jaħbat għall-Forti Sant'Iermu. Dun Mikiel kellu l-qlubija jistqarr li hu kien il-mexxej tar-rewwixta. Vaubois

offrielu li jeħilsu mill-mewt jekk jikxef lill-oħrajn iżda Dun Mikiel, għax kien bniedem ta' prinċipji sodi, ma riedx jikxef lill-oħrajn u qabel miet għajjat "Il-Mulej ikollu ħniena minna! Viva Malta" turija tal-imħabba li hu kellu lejn gżiritna u tal-fidi soda li qatt ma naqsitu lanqas f'mumenti diffiċli meta kien bejn ħajja u mewt.

Dan l-eroj Malti kien xkubettjat quddiem il-Palazz tal-President fil-Belt Valletta nhar is-17 ta' Jannar tal-1799. Imma l-mewt tiegħu ma kinitx għalxejn għax sena wara, il-Franċiżi ħallew ix-xtut tagħna umiljati bħala telliefa. Il-monument ta' Dun Mikiel Xerri u sħabu jinsab f'Misraħ l-Indipendenza fil-Belt Valletta, quddiem il-Berġa t'Aragona.

## "Għal Dun Mikel Xerri"



Irħama mad-dar fejn twieled Dun Mikiel Xerri, f'Ħaż-Żebbuġ

Kont għadni, nista' ngħid, ċkejken tarbija
meta ktieb-il-ġrajjiet ħabbibni miegħek,
għax fik għaġġbitni l-ħila barranija,
u l-kelma sħiħa bħall-għeruq ta' driegħek.

Iżda kif ġejt fuq l-għatba tar-rġulija
u xtaqt inbus lil dak li qatt ma tmiegħek,
u fittixt, imm'għalxejn, fuq l-art Maltija
ħaġra li turi fejn hu l-qabar tiegħek,

jien regħ'xt u bkejt, għax rajt kemm kienet xħiħa
miegħek din l-art li int ħabbejt fis-sewwa,
bi mħabba safja u bla nuqqas sabiħa;

għax tajfitna b'għamilek sfat mirquma,
u għall-qawwa li wrejt quddiem l-għedewwa
kienu jitkabbru bik Atene u Ruma.

Din il-poeżija miktuba fl-1933 hija indirizz poetiku dirett lejn Malta. Hija preċiżament sunett Petrarkan, poeżija b'erbatax-il vers magħmula minn żewġ kwartini (ottava) u żewġ terzini (sestett). Din it-tip ta' poeżija tippermetti lill-poeta li jittratta argumenti mill-iżjed serji u meqjusa bħalma jagħmel l-endekasillabu (il-vers ta' ħdax-il sillaba) li jixraq lil temi elaborati u dinjitużi għax huwa strett, klassiku u preċiż fl-eleganza tiegħu.

Hawn Dun Karm juri d-dwejjaq u d-dispjaċir tiegħu lejn ġensu li ma wriex ħaqq mal-eroj Malti li bih kieku kienu jiddandnu bliet mimlija storja, bħala Ateni jew Ruma li anqas m'huma neqsin mill-eroj u li huma simboli ta' ċiviltajiet u imperi b'saħħithom.

Dun Karm jibda billi jgħid li Dun Mikiel kien jispirah sa minn ċkunitu għax fih kien jagħraf id-determinazzjoni u l-ħila, kemm fiżika u kemm morali. B'ton sod u bla tlaqliq, Dun Karm isostni li Malta kienet "xħiħa" ma' dan l-eroj għax ma wrietx il-gratitudni tagħha lejh biżżejjed. Bla dubju ta' xejn, b'din l-istqarrija Dun Karm irid iġibna konxji li għandna napprezzaw dak kollu li għandna u li jagħtina identità u jagħżilna minn ġnus oħra u ma ninħakmux mix-xkiel li jġib miegħu s-sens ta' inferjorità; twissija li aktarx għadha tgħodd għal żmienna daqskemm kienet għodd għaż-żmien li fih kiteb Dun Karm.



Il-fuċilazzjoni tal-Eroj Dun Mikiel Xerri.



Dar ta' Dun Mikiel Xerri fi Triq il-Punent il-Belt Valletta

# "Innu lil Dun Mikiel Xerri" – F'Għeluq il-Mitejn Sena mit-Twelid Tiegħu 1737-1937

Raħal xemxi, belt is-saħħa,
ħoll ilsienek f'dan il-jum;
għanni ġrajja li fi ġmielha
kemm idum iż-żmien iddum.

Mitejn sena ġew u marru,
qerdu saħħa, qerdu ġmiel,
iżda siekta baxxew rashom
quddiem Raġel: Dun Mikiel.

Dun Mikiel, - il-bniedem t'Alla,
Dun Mikiel, - qalb tal-azzar,
Malti sħiħ li xejn ma kisru
la theddid, la ż'għil, la nar.

Taħt is-swar tal-belt imħaxkna
kienu ħiemda miġburin,
- Tama f'Alla, nar f'sidirhom –
sabiex jirbħu l-qalbenin:

Kliem li tlissen lill-għedewwa
tal-konfoffa ta xi ħjiel...
Mietu bosta; l-aħħar wieħed
bħal Sansun miet Dun Mikiel.

Dun Mikiel, - il-bniedem t'Alla,
Dun Mikiel, - qalb tal-azzar,
Malti sħiħ li xejn ma kisru
la theddid, la ż'għil, la nar.



Il-Monument f'ġieħ Dun Mikiel u sħabu fil-Belt Valletta

Żebbuġin tiċħdux lil demmkom;
kontu dejjem ta' quddiem:
kellkom hena u ġid fi djarkom,
kellkom għaqal, risq u sliem.

Fit-taqbid mal-Qerq, mal-Ħjiena,
tinsew qatt li tkunu rġiel;
f'nofs il-misraħ għadu jħammar
safi d-demm ta' Dun Mikiel.

Dun Mikiel, - il-bniedem t'Alla,
Dun Mikiel, - qalb tal-azzar,
Malti sħiħ li xejn ma kisru
la theddid, la ż'għil, la nar.



Rħama mad-dar ta' Dun Mikiel Xerri fil-Belt Valleta



Kif jixhed is-sottotitlu, Dun Karm kien kiteb din il-poeżija għall-okkażjonijiet li saru biex ifakkru l-mitejn sena mit-twelid ta' dan l-eroj iżda huwa iktar interessanti l-fatt li kien Dun Karm stess li fl-1937 ippresieda din iċ-ċerimonja ta' kommemorazzjoni f'Ħaż-Żebbuġ u li matulha kienet ħadet sehem il-Banda San Filep.

Din il-poeżija apostrofika nistgħu nqisuha bħala eloġju għal Ħaż-Żebbuġ u Dun Mikiel. Dun Karm jiftaħ il-poeżija proprju billi jiddeskrivi l-karatteristiċi ta' Ħaż-Żebbuġ "Raħal xemxi;" post rurali iżda huwa wkoll "belt is-saħħa;" turija tal-għaqal u l-bżulija ta' niesu. Dun Karm jistieden lil Ħaż-Żebbuġ biex jgħolli leħnu u jfakkar din il-ġrajja eterna li "kemm idum iż-żmien iddum." Dun Karm isostni li snin huma l-akbar għadu tal-bniedem għax iħallu l-marka tagħhom billi jeqirdu s-saħħa u l-ġmiel iżda immedjatament wara jfiġġ il-kuntrast meta jgħid li ż-żmien kellu jumilja ruħu quddiem Dun Mikiel għax dan l-eroj huwa immortali. Biex juri l-importanza ta' Dun Mikiel, Dun Karm jappella anki għas-sens tal-ħars billi f'vers tmienja jikteb il-kelma "Raġel" f'nofs il-vers bl-ittra kapitali. Ir-ritornell huwa innu ta' tifħir assolut li jiġbor fih il-kwalitajiet diversi ta' Dun Mikiel: qassis determinat u qalbieni. L-użu tal-anafora (ir-ripetizzjoni ta' kelma jew kelmiet fil-bidu ta' numru ta' versi taħt xulxin) fir-ritornell ukoll jagħtina dan is-sens ta' enfasi u jdawwar l-attenzjoni tagħna bħala qarrejja fuq is-suġġett: Dun Mikiel. Ir-ripetizzjoni tal-kelma "la" għal tliet darbiet fl-aħħar vers tar-ritornell ukoll hija maħsuba biex turi l-qawwa ta' Dun Mikiel li xejn ma jwaqqfu.

Fir-raba' strofa Dun Karm jitkellem dwar l-imblokk sakemm fi tmiem il-ħames strofa jgħidilna li "bħal Sansun miet Dun Mikiel." Dun Karm jirreferi għal dan il-personaġġ bibliku assoċjat mas-saħħa biex juri s-saħħa li kellu Dun Mikiel; saħħa morali li ma tiddgħajjef qatt.

Is-seba' u t-tmien strofa huma indirizzati b'mod dirett lejn iż-Żebbuġin u fihom Dun Karm jgħidilhom biex iżommu r-reputazzjoni li għandhom li kienu "dejjem ta' quddiem" u jgħadduha lill-ġenerazzjonijiet ta' warajhom. Dun Karm jirreferi wkoll għall-għaqda tal-familja li magħha ġġib l-"hena" u s-"sliem" u indirettament jgħid ukoll biex dawn il-valuri ma jitwarrbux għax huma jipprovdu l-għeruq lil kull bniedem. Għal darb'oħra, Dun Karm jerġa' juża l-anafora fis-seba' strofa fuq il-kelma "kellkom" biex juri li ż-Żebbuġin kważi kellhom dak kollu li kien essenzjali; valuri li jibqgħu rilevanti għal kull żmien u li jegħlbu lil kull akkwist materjalistiku.



Ritratt li juri t-tifkira tal-mitejn sena mit-twelid ta' Dun Mikiel Xerri f'Ħaż-Żebbuġ. F'dan ir-ritratt tas-26 ta' Settembru tal-1937 fil-pjazza jidher ukoll Dun Karm li kien ippresieda din il-kommemorazzjoni.

It-tradizzjoni ta' Ħaż-Żebbuġ kienet waħda ta' għaqal u bżulija, ta' nuqqas ta' fsied, ta' ġabra u sens ta' familja; l-istess elementi li Dun Karm jirreferi għalihom f'bosta mix-xogħlijiet l-oħrajn tiegħu, ewlenija fosthom "Żjara lil Ġesù" fejn jigglorifika ż-"żmien ħelu, / meta kont f'dar missieri, u mejda waħda/ kienet tiġborna lkoll, f'rabta ta' mħabba,/ lili, lil ħuti, u 'l dawk illi nissluna." Dan kien ambjent imżejjen b'valuri li Dun Karm dara jgħożżhom mhux biss għax huma tajbin fihom infushom u utli għas-soċjetà iżda wkoll għax huma Insara fil-qofol morali tagħhom. Huma l-istess prinċipji rikorrenti li Dun Karm jalludi għalihom fil-kapolavur letterarju tiegħu "Lil Ħaż-Żebbuġ, Raħal Twelidi" – "il-ħeġġa," "il-bżulija," "ix-xogħol," "il-ħaqq," "il-ftehim," il-kenn u s-sens ta' sigurtà u l-"qies" b'referenza għar-rażan. Fil-fatt, kelma rikorrenti fil-vokabularju letterarju ta' Dun Karm hija "rżin;" turija ċara ta' kemm Dun Karm trabba jirrispetta dan is-sens ta' rażan; ta' kejl li jrodd l-armonija fil-bniedem; fejn kulħadd iqis kemm kliemu u kemm għemilu. Dun Karm jisskota bil-lista tal-valuri meta jsejjaħ liż-Żebbuġin "Ġens ta' ħila, ġens ta' raj" u jirreferi wkoll għall-ambizzjoni li żżomm lill-bniedem għaddej iterraq fl-eżistenza bl-istrofa tant sabiħa tiegħu

Ħaddem qalbek, ħaddem ħsiebek,
Ta' dirgħajk ħaddem l-għeruq,
Ħa narak, kif rajtek darba,
Tiela', tiela', tiela 'fuq.



Fil-ġlied kontra l-ingann u l-ħażen, Dun Karm iħeġġeġ u jfakkar, anzi kważi jwissi liż-Żebbuġin tal-lum u ta' għada biex ikunu "rġiel"

għax huma wlied Dun Mikiel u għalhekk għandhom jassiguraw il-kontinwità tat-tradizzjoni u jissoktaw juru l-qlubija. Hija l-istess twissija li jagħmel f'"Lil Ħaż-Żebbuġ, Raħal Twelidi" meta lil beltu jgħidilha "La tinsiex illi demm tiegħek / Kien Vassalli u Dun Mikiel." Interessanti l-użu tal-frażi idjomatika "tkunu rġiel" li tixhed iż-żmien li l-poeżija nkitbet fih għax tiffoka fuq is-soċjetà patrijarkali dominanti f'Malta u anki tħares lejn ir-rwol attiv u ċentrali tar-raġel; ir-rabta bejn it-"taqbid" u r-raġel u l-kuraġġ.

Din hija poeżija tradizzjonali fl-istil tipiku mfittex minn Dun Karm. Nistgħu għalhekk ngħidu li t-tematika jiġifieri t-tifħir lejn it-tradizzjoni u l-qlubija komunitarja taż-Żebbuġin u l-qlubija individwali ta' Dun Mikiel huma riflessi wkoll fi stil tradizzjonali. Dun Karm iħaddem il-vers tat-tmienja (l-ottonarju), vers melodjuż u ferrieħi li joqgħod ħafna għall-għana (tradizzjoni oħra li tiġbor lin-nies f'komunità) u jinqeda bil-kwartini u bir-rima mqabbża (it-tieni vers jirrima mar-raba' vers), rima ħafifa u mexxejja.




**Il-mafkar lil Dun Karm qrib il-Belt kapitali ta' Malta.**

Patrimonju

## Konklużjoni

Dun Karm jittrasforma lil Dun Mikiel Xerri f'simbolu universali ta' siwi dejjiem u jgħollih 'il fuq mill-għeluq spazjali u temporali li jikkaratterizza l-eżistenza tiegħu bħala individwu. Dawn ix-xogħlijiet iġagħlu lill-poplu Malti u lilna ż-Żebbuġin naħsbu u nintebħu li l-eżempji ta' niesna fil-qasam artistiku, letterarju, lingwistiku, akkademiku, mużikali, kulturali, storiku u ekkleżjastiku għandhom iservu ta' ispirazzjoni għalina lkoll. M'hemmx dubju li jekk Dun Karm jagħti lilu nnifsu bħala profeta tal-patrija, Dun Mikiel jidher bħala l-feddej tal-patrija, bl-element reliġjuż jorbothom għall-eternità.

**Biblijografija**


Balzan, Philip, kompilatur. "Preżentazzjoni Viżiva dwar Dun Karm." Sit Elettroniku. L-aħħar aċċess fil-21 ta' Frar 2012 <http://www.bandasanfilep.com.mt/Downloads/pre_Dun_Karm_Psaila_Zebbug_27-11-11.pdf>.

Farrugia, Godfrey u Farrugia, Sebio. *Highlights of Ħaż-Żebbuġ*. Malta: P.E.G., 1997. Stampat.

Friggieri, Oliver. *Dun Karm: Il-Poeżiji Miġbura*. Malta: Klabb Kotba Maltin u Karmen Micallef Buħaġar, 1980. Stampat.

Spiteri, Charles B. "It-Testment ta' Dun Mikiel Xerri." *In-Nazzjon*. Il-Ħamis 12 ta' Jannar 2012: 15.